# Tagħrif dwar is-Sorijiet Missjunarji ta' Ġesù Nazzarenu

*Kitba ta'* Sr. Helen Delicata - Superjura Ġenerali

Aħna Sorijiet Missjunarji ta' Ġesù Nazzarenu Żejtun. Il-Fundatriċi tagħna hija Marija Ġużeppina Curmi. Aħna Kongregazzjoni Djoċesana u ġiet approvata fis-6 ta' April 1934. L-awtorizzazzjoni biex titwaqqaf il-Kongregazzjoni ġiet mogħtija minn Mons Mauro Caruana O.S.A. Arċisqof ta' Malta. Il-Fundatriċi kienet ispirata biex permezz ta' ħajja qaddisa, ta' talb u sagrifiċċju tagħti sehem fost il-poplu t'Alla billi tgħin speċjalment tfal foqra, hija dejjem ħasbet fil-bniedem batut u fil-bżonn, tant hu hekk li bi ftehim mal-awtorità tal-Knisja fl-1913 irnexxielha twaqqaf orfanatrofju:Istitut fiż-Żejtun bl-isem ta' Ġesù Nazzarenu.

Il-Kariżma tal-Fundatriċi kienet is-Sempliċità, l-Umiltà u l-Karità li wettqithom fl-Appostolat tagħha fil-pjan t'Alla.

B'dan l-ideali li għalih il-Fundatriċi għexet, batiet u ħadmet, hija ġabret xbejbiet oħra magħha biex twettaq din il-missjoni.



F'dak iż-żmien in-numru tar-reliġjużi kien wisq ikbar għax il-vokazzjonijiet kienu jkunu ħafna. U anki numru ta' bniet u subien kienu ħafna għax il-familji kienu numerużi u fqar, imma l-Mulej dejjem ipprovda l-għejxien permezz ta' qlub ġenerużi tan-nies.

Dan l-ideal tal-Fundatriċi aħna s-sorijiet bqajna nwettquh sal-ġurnata ta' llum b'differenza skont it-tibdil ta' kull żmien u skont il-bżonn tas-soċjetà.

Issa f'dawn l-aħħar snin numru tagħna r-reliġjużi naqas u ħafna minna sejħilhom il-Mulej biex igawduh fis-sema.

L-ispirtu tal-Fundatriċi tagħna għadu fina biex inkomplu naħdmu fl-għalqa tal-Mulej, billi nagħtu servizz lill-Knisja ta' Kristu, bit-twettiq ta' ħidma pastorali, ministri tat-Tqarbin sew fil-komunità wkoll lill-morda fi djarhom, bit-tagħlim tal-Katekiżmu, żjajjar lil xi familji u anzjani fi djarhom.

Naħdmu l-ostji għal diversi parroċċi u ħafna skejjel u ċentri tad-duttrina jġibu tfal jaraw u nispjegawlhom il-proċess kif isiru l-ostji qabel ma' jiġu kkonsagrati fil-Quddiesa.

Ħafna gruppi ta' nies mill-parroċċi jiġu bħala ħarġa kulturali u jaraw il-qabar tal-Isqof Galea, jagħmlu Quddiesa minn saċerdot li jkun magħhom u jsir talb ta' interċessjoni għall-bżonnijiet li jkollhom. Aħna s-sorijiet inwasslu l-kelma t'Alla ġo djarna, wara jkollhom il-kafè u xi ħaġa tajba u jieħdu pjaċir ħafna.

Għandna Day Care Centre tat-tfal bi preparazzjoni qabel ma' jidħlu l-iskola Kindergarten, jieħdu ħsiebhom is-sorijiet u l-carers fil-logħob u ferħ bil-kant u tpinġija ta' ċkejknin li huma.

Il-Kariżma tal-Madre Fundatriċi Marija Ġużeppina Curmi kienet u għada sejra permezz tagħna s-sorijiet u lajċi fl-appostolat tagħna. Madwar sentejn ilu bi ftehim mal-awtorijiet tal-Knisja offrejna parti mill-bini tal-Istitut lill-Richmond Foundation biex iservi ta' residenza għat-tfal bi problemi psikoloġiċi u soċjali. Aħna s-sorijiet u l-persuni responsabbli naħdmu flimkien għall-ġid ta' dawn it-tfal.

Isiru laqgħat għall-vokazzjonijiet, nistiednu tfajliet fil-kunvent u jkollna kuntatti magħhom ta' spiss kif ukoll nagħmlu l-adorazzjonijiet u talb bl-istess intenzjoni.